# Kunsill Lokali tal-Qrendi



Rapport Annwali Amministrattiv 2024

**Bidla fil-leġislatura**

Kien perjodu eċitanti meta f'nofs is-sena, kien hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Irridu nirringrazzjaw lill-eks Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja, lill-eks kunsillier is-Sur Charles Zerafa, u lill-eks kunsillier is-Sur Daniel Farrugia. Dawn il-kunsillieri tal-leġislatura preċedenti ma' reġgħux ħarġu għall-elezzjoni tal-Gvern Lokali.

Fl-elezzjonijiet ta' Ġunju 2024 kienu eletti is-Sur David Schembri bħala Sindku, is-Sa Anthea Sacco bħala Viċi Sindku u l-kunsillieri is-Sa Marion Parnis, is-Sur Karmenu Farrugia u s-Sa Nina Skye Briffa.

**Dekasteri Kunsill Lokali Qrendi minn Lulju 2024**

| | |
|---|---|
| **David M. Schembri (Sindku)**<br>Ambjent, Ġonna u Soft Areas<br>Baġit u Finanzi<br>Iċ-Ċentru Ċiviku l-Ġdid<br>Dwal tat-toroq<br>Patrimonju<br>Proġetti Ewropej<br>Proġetti Kapitali<br>Turiżmu<br>Indafa Pubblika | **Anthea Sacco (Viċi Sindku)**<br>Indafa Rurali<br>Attivitatjiet Kulturali<br>Midja Soċjali u Interattiva<br>Anzjanità Attiva<br>Carmelo Farrugia (Kunsillier) |
| **Karmenu Farruiga (Kunsilllier)**<br>Sports<br>Integrazzjoni Soċjali u Kulturali | **Marion Parnis (Kunsillier)**<br>Edukazzjoni<br>Ħarsien tal-Annimali<br>Librerija Pubblika<br>Wied iż-Żurrieq |
| **Nina Skye Briffa (Kunsillier)**<br>Informatika<br>Innovazzjoni<br>Żgħażagħ | |











**Festival Agrarju tal-Patata**

Fid-19 ta' Mejju 2024 kien organizzat ukoll b'suċċess il-Festival Agrarju tal-Patata ukoll f'Misraħ il-Maqluba, li għalik attendew ukoll diversi viżitaturi minn barra r-raħal biex nippromwovu wkoll dan il-prodott tant tajjeb li jikber ukoll fl-għelieqi tal-bdiewa tal-Qrendi. Għal dan il-Festival sibna l-għajnuna finanzjarja tad-Divizjoni Gvern Lokali, Visit Malta u anke mir-Reġjun Punent u l-protagonisti bħal dejjem huma ngo's jew fi kliem ieħor il-każini tal-Banda, Politika, Sportivi u wkoll il-fratellanzi tal-Parroċċa u fuq kollox il-bdiewa. Il-ftuħ tiegħu din is-sena sar b'Quddiesa barra bil-kant tal-għannejja tradizzjonali Malti u d-daqq tal-prejjem. Dan il-festival jaqbez l-€20,000.00 bħala spejjez li kienu parzjalment irkuprati mill-iskema  tad-Divizjoni Gvern Lokali.






**Finishing Works taċ-Ċentru Ċiviku**

Ħarġet u ingħatat l-offerta pubblika (tender) tal-*Finishing Works* taċ-Ċentru Ċiviku. Dan ittieħed minn kumpanija li wettqet xogħol ta' kisi u tikħil, dawl u ilma, arja kundizzjonata, madum, sollijiet, twieqi u bibien, fanali ta' barra inkluż dawk tal-ġnien (bandli), suffett, sistema ta' fire equipment eċċ. Kien konfermat illi parti minn dan iċ-ċentru jkun ukoll jinkorpora garage u l-Berġa tal-Qrendi għaliex finalment dan inbena fejn fil-passat kienet qed topera din il-Berġa. Sibna l-għajnuna tad-Divizjoni Gvern Lokali u s-Segretarjat għall-Gvern Lokali kif ukoll tad-Dipartiment għall-Kura Primarja. Allaħares ma kienx hekk għax l-ispiża s'issa telgħet għal €371,321.89



**Diġitalizzazzjoni- (Document Management System)**

Matul l-2024 sar xogħol biex id-dokumentazzjoni antika tal-Kunsill tiġi diġitalizzata. Il-programm hu wieħed tal-Maltapost plc li irnexxielha tattira fondi Ewropej biex persuni bi bzonnijiet speċjali jagħmlu dan ix-xogħol permezz tal-Aġenzija Jobs Plus. Ta' dan inneħħulhom il-kappell għaliex għada pitgħada trid ukoll tinkiteb l-istorja tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Il-benefiċċju ta' dan kollu hu l-ispazju li llum jiswa' l-flus. Fejn qabel din id-dokumentazzjoni ma kienetx aċċessibbli għaliex kienet f'garage 'il bogħod, illum din tinsab fuq is-sistema tal-computer. Din l-iskema qed tippermettilna illi dan ix-xogħol isir mingħajr ħlas għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi.



**Ġieħ il-Qrendi 2024**

Għal darb'oħra kienet organizzata s-serata Ġieħ il-Qrendi 2024. Għal din l-attività kien hemm xogħol amministrattiv intens speċjalment f'dik li hija loġistika biex jingħata dan il-Ġieħ li din is-sena ħadu Dun Karm Attard, li kien eks Kappillan tal-Qrendi. Nawgurawlu u nirringrazzjawh tal-ħidma sfieqa tiegħu. F'din is-serata ingħataw ukoll rikonoxximent lil persuni oħra li wkoll ħadmu għall-Qrendi u kien jistħoqqilhom jieħdu rikonoxximent.



Is-Sur Jeremy Zammit għall-ħidma sportiva

Is-Sur Paul Micallef għall-ħidma reliġjuza u soċjali

Is-Sur Mario Pio Schembri għall-ħidma reliġjuza u soċjali

Is-Sur Martin Formosa għall-kapaċità artistika

Is-Sur Caterino Muscat għall-ħidma reliġjuza u soċjali

Is-Sa Catherine Damato għall-ħidma artistika

Is-Sa Rita Farrugia għall-ħidma artistika

Din is-serata saret ukoll bil-ħidma taż-żgħażagħ tal-Każini tal-Banda tal-Qrendi u tas-Sur John Buttigieg għall-ħidma letterarja li qara waqt l-istess serata.

**Kunċert fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena**

Nhar is-26 ta' April, 2024, kien organizzat kunċert fil-Kappella tal-Ħniena fejn kellu sinifikat importanti. Kien inawgurat ir-restawr tal-imkwatru tal-Kruċifissjoni attribwit ma' Suor Maria de Domenicis kif ukoll sar inawgurazzjoni tal-ktejjeb dwar l-istess Kappella bl-isem The Church of Our Lady of Mercy, il-Qrendi u anke ta' pubblikazzjonji oħra bl-isem ta' The Church of Santa Katarina tat-Torba in Qrendi – A Reassessment.  Mhux biss l-imkwatru kien restawrat, iżda anke s-Salib tal-Kartapesta li għandu wkoll sinifikat ferm importanti għaliex jikkumplimenta l-istess imkwatru. Il-finanzjament ta' dan ir-restawr kien parzjalment iffinanzjat minn fondi Ewropej.






**Ħarġa fil-Belt Valletta**

Nhar it-30 ta' Ottubru, 2024, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, organizza zjara fil-Belt Valletta fejn dawk li ġew magħna kellhom l-opportunita jaraw mil-qrib il-kapulavur tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista. Wara din iz-zjara ferm interessanti anke mill-att kulturali il-parteċipanti kellhom l-okkazjoni sabiex jitrejqu bl-ikel fis-Suq tal-Belt fejn qagħdu in-nofs ta' nhar jilgħabu t-tombla. Din l-attività intlaqgħet tajjeb ferm u aktar 'il quddiem se jsiru oħrajn bħalha biex mill-att soċjali dawk kollha li jkunu jixtiequ se jkollhom l-opportunità jintegraw aktar u anke jkunu involuti fil-kumitati tal-Kunsill. Din l-attività kienet inkarigata minnha is-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku.



**Clean up fiċ-Ċentru tal-Vizitaturi f'Ħaġar Qim**

Nhar is-Sibt, 14 ta' Settembru 2024, grazzi lil voluntiera fosthom tfal li taw sehmhom, ingabru tmintax-il borza skart mill-inħawi taċ-Ċentru tal-Vizitaturi ta' Ħaġar Qim. Nirringrazzjaw lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor Alison Zerafa Civelli, id-Divizjoni Gvern Lokali, il-President tar-Regjun Punent, is-Sur Sandro Azzopardi, lis-Sindku, is-Sur David Schembri, lis-Sur Conrad Fenech, is-Sur Dario Borg u s-Sur Andre Cordina mir-Regjun Punent tas-sapport biex inġabru fost affarijiet oħra televizjoni mill-antiki, biċċiet ta' mejjilla taċ-ċaqquf, tyre, numru kbir ta' fliexken tal-ħġieġ, barbeque, u l-lista ma tintemm qatt. Proset tal-ħidma kollettiva li kienet għaddejja f'nofs parkeġġ mimli *coaches* tat-turisti li zaru l-Qrendi dak in-nhar.



**Ġurnata Għawdex**

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju il-Kunsill Lokali tal-Qrendi organizza ġurntata ħarġa oħra għal kulħadd. Għal din il-ħarġa kien hemm attendenza tajba ħafna u kienet fir-responsabbilita' tal-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco peress li hija l-kunsilliera responsabbli mill-Kultura. Infatti din kienet attività kulturali fejn min ġie magħna mhux biss irrilassa izda servietu wkoll ta' apprezzament għall-kultura u l-arti li nsibu 'l barra minn xtutna u fl-istess ħin f'pajjizna stess. Bla dubju kellna nilqgħu it-talba ta' bosta Qrendin biex naraw għal darb'oħra s-Santwarju ta' Pinu li jgawdi qima kbira lejn Ommna Santissima li għaliHa wkoll niċċelebraw zewġ festi mill-isbaħ fil-lokalità tagħna. Din l-attività kienet inkarigata minnha is-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku.



**Tislima lill-Eks Sindku, is-Sur Carmelo Falzon**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ta l-aħħar tislima lill-eks Sindku, is-Sur Carmelo Falzon u l-kondoljanzi tiegħu lis-Sa Falzon. Is-Sur Falzon kieni serva bejn l-1999 u l-2013 u ħalla din id-dinja nhar is-26 ta' Marzu, 2024.

Is-Sur Carmelo Falzon ta sehemu biex il-Qrendi ħa xejra oħra, fis-sens li fi zmienu saru diversi xogħlijiet importanti u proġetti kbar.

Qed nikkwotaw post fuq facebook minn Membru Parlamentari li għandu professjoni u li ħadem ukoll għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi fix-xogħol tekniku:



*'Lil Karmenu nafu bħala ġentlom li dejjem poġġa lir-raħal u r-residenti l-ewwel. Persuna ta' dixxiplina kbira u fl-istess ħin rett ħafna f' ħidmietu. Persuna li tgħallimt ħafna minn għandu.'*

## Ġimgħa Mqaddsa fil-Qrendi

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi dejjem ta vizibilita u promozzjoni lill-għaqdiet u anke persuni li huma kapaċi bizzejjed biex joffru x-xogħol tal-idejn u l-arti fosthom l-arti performattiva. Dawn l-okkazjonijiet iservu mhux biss bħala mera atropoloġika izda wkoll bħala okkazjoni biex ir-Reliġjon titwaħħad mal-arti u l-kultura. Mill-att ta' attendenza dawn l-attivitajiet kienu verament milqugħa









**Reġistru tal-Cat Feeders**

Lura fit-22 ta'Mejju, 2024 daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda għall-persuni li jitimgħu qtates stray – *Cat Feeders Regulations 2024.* Dan kien imħabbar mill-Ministru għall-Agrikultura u Sajd, l-Onor Anton Refalo, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali , l-Onor Alicia Bugeja Said u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Alison Zerafa Civelli.

Mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-leġislatura, kull Kunsill Lokali kien obbligat jimxi ma' dawn ir-regolamenti l-ġodda bħalma kull *Cat Feeder* kien obbligat li wkoll jimxi mal-kundizzjonijijiet fosthom li jħarsu l-iġjene u l-ħinijiet li fih ikunu mitmugħa l-qtates u fuq kollox l-indafa. Dan issa joħroġ ferm aktar fil-beraħ għaliex min qed jitma' dawn il-qtates issa hemm allaċċjat miegħu il-location (google location) biex dan kollu jkun jista' jiġi infurzat. Intant, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qassam numru sabiħ ta' vouchers tal-ikel tal-qtates lil għaxriet ta' cat feeders fir-raħal tagħna. Fuq dan il-proġett kien hemm involuta il-kunsilliera is-Sa Marion Parnis li attendiet għal-laqgħat loġistiċi.



**Donazzjonijiet ta’ prodotti tal-Ikel**

Mill-1 ta’ Diċembru 2023, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi laqa’ donazzjonijiet ta’ prodotti tal-ikel sabiex jingħataw lill-Foodbank Lifeline Foundation. Min xtaq jingħaqad magħna biex ngħinu lil min hu verament fil-bżonn seta’ jagħmel jagħmel dan billi ġie jħalli d-donazzjoni tiegħu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Għalkemm ma’ kienx hemm obbligu li wieħed jimxi magħha, fl-istampa li kienet aċċessibbli fil-media kien hemm lista ta’ prodotti li setgħu jingħataw.
Il-prodotti miġbura ingħataw lill-Foodbank Lifeline Foundation qabel l-aħħar tas-sena.
Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu għal dan il-għan.






**Tislima lill-Eks Sindku u kunsillier is-Sur Daniel Farrugia**

Il-Kunsill Lokali Qrendi ta l-kondoljanzi lill-familja ta' Daniel Farrugia l-eks Sindku u Kunsillier tal-Qrendi.

Is-Sur Farrugia serva bħala Sindku tar-raħal tal-Qrendi bejn l-1996 u l-1999.

Serva ukoll bħala Kunsillier bejn il-1994-1996 u l-1999 u l-2024.

Il-funeral sar fil-Parroċċa Santa Marija tal-Qrendi nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru 2024, fit-15:00.

Kulħadd kellu kliem ta' tifħir għas-Sur Daniel Farrugia peress li wettaq xogħol tajjeb ħafna fil-lokalità tal-Qrendi. Kien hemm perjodu sabiħ meta mas-Sur Daniel Farrugia kien hemm ukoll kunsillier it-tifla tiegħu Daniela Farrugia fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

**Kantata – Rjieħ fil-Qolla**

Nhar is-Sibt, 16 ta' Novembru 2024, Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, flimkien mar-Reġjun Punent u bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa Santa Marija tal-Qrendi ipprezentaw it-tieni edizzjoni tal-Kantata Irjieħ fil-Qolla – xogħol oriġinali ta' John Buttigieg u kompozizzjoni muzikali ta' Mro. Tony Pace.

Il-ġeneru tal-Kantata jikkonsisti f'kompozizzjoni muzikali li tinkludi l-kor u s-solisti akkumpanjati minn orkestra. Qabel is-seklu sittax diġa' nsibu l-ġeneru tal-Kantata fil-forma korali tiegħu – kien wara s-seklu sittax li bdew ikunu mizjuda l-istrumenti muzikali u dan minħabba li kien f'dan iz-zmien ukoll li l-istrumenti kif nafuhom illum ħadu spinta 'l quddiem. Il-Kantata, għad li mhix strettament xogħol sagru tista' tingħaqad bla problemi mal-lista ta' muzika ta' dan it-tip u tqarreb ħafna lejn l-Oratorju. Fil-waqt li z-zewġ ġeneri huma orkestrali madankollu jibbazaw il-qofol tagħhom fuq l-interpretazzjoni u l-ħila korali. It-tnejn jittrataw temi sagri u profane u t-tnejn għandhom il-mottiv tar-riflessjoni bħala kwalita' li tiddistingwihom. Forsi l-aktar kompozitur rapprezentattiv fil-ġeneru tal-Kantata jibqa' Johann Sebastian Bach b'aktar minn mitejn biċċa xogħol iġibu l-firma tiegħu.




Għal din l-attività ħadu sehem il-korijiet ta' Ħal Safi, Sine Macula u dak tal-Qrendi, Magnificat. Diversi koristi kienu mingħajr obbligazzjoni u għaldaqstant ix-xogħol kien wieħed li ħareġ mil-qalb li bih tpaxxew bosta nies fl-attendenza li kien hemm il-Parroċċa tal-Qrendi.

Il-Kantata li kienet ipprezentata hija mfassla fuq disa' taqsimiet li jirrapprezentaw l-identita' ta' raħal u ta' pajjiz sħiħ. Fil-fatt l-awtur, fil-waqt li jzomm bħala qafas l-esperjenzi li laħħmu l-Qrendi (minn zmien il-preistorja sa llum), imur pass ieħor 'il quddiem biex minn esperjenza komunitarja jiftaħ fuq dimensjoni izjed wiesgħa li tħaddan il-pajjiz kollu. B'hekk l-esperjenza ta' komunita' raħħala issa ssir ukoll esperjenza ta' poplu wieħed – Il-mottivi li ser nisimgħu

huma familjari għax huma tagħna lkoll – L-era megalitika titħallat mal-ħtieġa li l-bniedem jagħraf min hu u min fejn ġej – issir komunita' distinta li minkejja l-ħafna ħakmiet baqgħet samma fit-twemmin u l-fehmiet u tidentifika ruħha fl-ilsien tagħha li taha forma lill-wasliet u l-kisbiet bl-għana u t-tifħir lil Alla.

Hemm fil naturali fil-qofol ta' dak li jagħmilna Maltin u dan huwa s-sens ta' appartenenza lil din l-art. Il-Qrendi f'dan is-sens isir emblematiku mhux tant għax hu dak li hu imma għax kien protagonista esenzjali meta seħħew l-affarijiet.

Din il-kantata hija innu għal dak li kien u li huwa llum – Hija stedina miftuħa biex inħossuna kburin b'għeruqna u nagħmlu ħilitna biex ma nitilfu xejn minn dak li jagħmilna dak li aħna.
L-ispejjez ta' din il-kantata kienu ta' €7,173



**Xogħlijiet fl-Isqaqien**

Matul is-sena 2024 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kompla jimbarka fuq xogħlijiet ta' kisi tal-isqaqien b'materjal rustiku fil-Qrendi. Dawn l-isqaqien huma verament fattur li jiġbed it-turist għaliex spiss tarahom imzejna bix-xtieli u l-qsari li fihom isebbħu l-lokalità tagħna u wkoll għaliex ikunu mrekkna mir-riħ u jkunu mdellija. Matul din is-sena irnexxielna niksu:

Triq it-Torri, Sqaq Numru 1, €14,874.23



Triq it-Torri, Sqaq Numru 3 €19,198.93



Triq San Nikola, Sqaq numru 2

Triq il-Parrocca, Sqaq numru 2

Triq San Nikola Sqaq Nru 2 u Sqaq il-Parrocca Sqaq Nru 2  valur ta' €22,111.48





Dawn ix-xogħlijiet hu antiċipat li jitkomplew matul l-2025 ukoll Infatti kienu konfermati dawn l-isqaqien hawn taħt imsemmija.

**Valur ta' Xogħlijiet proġettati eskl il-Vat**

| ISEM TAT-TRIQ | Euros (€) |
|---|---|
| Triq Lourdes | €33,467.00 |
| Triq il-Kbira Sqaq Numru 1 | €9,262.37 |
| Triq il-Kbira daħla | €5,983.40 |
| Triq il-Kbira Sqaq Numru 2 | €18,920,20 |
| Triq il-Parroċċa Sqaq Nru 1 | €18,698,27 |
| Triq il-Bali Guarena Sqaq Nru 1 | €24,380.39 |
| Triq il-Bali Guarena Sqaq Nru 2 | €16,511.72 |
| Triq il-Kbira Sqaq Nru 4 | €33,093.86 |
| **T O T A L** | **€160,317.21** |

**Twaħħil ta' CCTV**

Sal-aħħar tas-sena 2024 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi bis-saħħa tar-Repjun Punent se jkun waħħal aktar cctv's fil-lokalità tagħna. Waħda minn dawn twaħħlet fi triq verament kruċjali minħabba li minn ftit taz-zmien 'l hawn zdied ferm it-traffiku fiha. Din tinsab bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi u l-kuntrattur li kien rebaħ l-offerta pubblika tar-Reġjun Punent hu AIS Ltd.

Is-cctv taħdem bid-dawl solari għaliex tinsab f'post rurali li minkejja dan qed jgħaddu ħafna vetturi minħabba li l-GPS qed jixħet litteralment il-vetturi fiha għaliex dik parallela magħha li tinsab f'Ta' Kandja qed tkun staġnata bit-traffiku. Minkejja dan kollu xorta waħda qed jintrema wkoll ħafna skart fiha u permezz ta' din is-CCTV hu ttamat li se nnaqqsu l-iskart mormi fil-kampanja.

**Villaġġ tal-Milied**

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024 kien organizzat villaġġ tal-Milied fil-Pjazza quddiem il-Parroċċa tal-Qrendi, jew aħjar fi Triq Rokku Buhagiar. Din kienet l-ewwel darba li kien organizzat villaġġ tal-Milied f'dan is-sit mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi. It-taħdititiet kienu ssuktaw minn kmieni u kien hemm involuti fihom is-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku, kif ukoll is-Sur Karmenu Farrugia, kunsillier li ltaqgħu mas-Soċjetajiet Muzikali tal-Qrendi biex jikkordinaw kollox.

Dan il-villaġġ tal-Milied intlaqa' tajjeb ħafna u fih kont issib diversi artisti lokali li kantaw għanjiet tal-Milied fuq palk li kien armat fil-Pjazza u zewġ stalls kbar armati mil-Kazini tal-Banda. Biex dan is-suq jingħata xejra artistika ħadna ħsieb nistiednu lill-artista, Qrendija is-Sa Catherine D'Amato li taħdem il-bizzilla dak il-ħin stess liebsa tal-epoka fejn diversi Maltin zmien ilu kienu jafu jagħmlu dawn ix-xogħol.

Minkejja li kien se jitħarbat kollox minħabba x-xita, it-temp zamm u diversi tfal ġew jieħdu ir-ritratti mal-Father Christmas taħt it-tinda mas-siġra tal-Milied.










| Supplier | Euros | Ref |
|---|---|---|
| X Tend | 165 | Inv 228 |
| Antes Insurance | 348 | Inv 539809777 |
| Commissioner of Police | 253.76 | Inv 14329 |
| Mr Putzulu (Risk Assessment) | 153.40 | MPC 32/2024 |

**Armar tat-toroq u tizjin tal-Milied**

Din is-sena il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kompla jzid fl-armar tat-toroq fiċ-Ċentru. Dwar dan kien hemm il-ħidma tas-Sur Karmenu Farrugia li tkellem ukoll mas-Soċjetajiet tal-Banda biex dan ix-xogħol seta jsir ħalli r-raħal tagħna jkompli jidħol fl-atmosfera tal-Milied. Għal dan ix-xogħol tqabbad il-kuntrattur CLD (Caruana Lights Decor) Ltd li biex rama' Triq Rokku Buhagiar din swiet €5,487.00





Ittellgħet siġra tal-Milied f'Misraħ Santa Marija u twaħħlu diversi forom ta' ċervi matul Triq Rokku Buhagiar. Infatti il-ħidma tagħna kienet ukoll imfaħħra mid-Dipartiment tal-Informazzjoni li ta coverage ta' dan kollu fuq livell nazzjonali. Kienet xi ħaġa sabiħa li barranin jiġu ir-raħal per ezempju biex jattendu għall-kunċert tal-Milied minn Kazin tal-Banda u jara it-toroq imdawwlin. Kienet ukoll okkazjoni rari li wara li issa saret l-inawgurazzjoni tar-Restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena isiru zewġ kunċerti kbar minn artisti u kantanti mil-Qrendi bħalma sar din is-sena. Ta' dan għandna biss kliem ta' tifħir. Il-kunċert Milied mal-Aħwa ġibed numru kbir ta' spettaturi minn barra r-raħal.







**Magazin tal-Kunsill**

F'għeluq is-sena 2024, il-poplu tal-Qrendi kien ipprovdut b'magazin li juri ħidmet il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Din l-ewwel edizzjoni ta, Qrendi, Leħen il-Kunsill Lokali tiegħek għandha l-għan li tiddokumenta u tinforma lill-pubbliku b'dak kollu li jkun għaddej fil-qasam tal-infrastruttura per ezempju. Kienet okkazjoni fejn ir-residenti tal-Qrendi li m'għandhomx aċċess għall-Medja Soċjali, iħossuhom milħuqin u wkoll mhux minsijin. Mhux lok illi f'dan ir-rapport jissemmew ix-xogħlijiet jew l-attivitajiet kollha li kienu organizzati, izda hemm lok illi persuni li mhux integrati mal-kumplament tas-soċjetà permezz tal-mezzi soċjali, iħossuhom integrati wkoll.



**Attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill mil-kunsillieri**

Is-Seba' Leġislatura

| Nru | Data | David Schembri | Patrick Bugeja | Marion Parnis | Daniel Farrugia | Charles Zerafa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | 22.1.24 | √ | √ | √ | | √ |
| 65 | 26.2.24 | √ | √ | √ | | √ |
| 66 | 25.3.24 | √ | √ | √ | | |
| 67 | 22.4.24 | √ | | √ | | √ |
| 68 | 20.5.24 | √ | √ | √ | | √ |

It-tminn Leġislatura

| Nru | Data | David Schembri | Anthea Sacco | Marion Parnis | Karmenu Farrugia | Nina Briffa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2.7.24 | √ | √ | √ | √ | √ |
| 2 | 18.7.24 | √ | √ | √ | √ | √ |
| 3 | 20.8.24 | √ | √ | √ | √ | |
| 4 | 16.9.24 | √ | √ | √ | √ | √ |
| 5 | 14.10.24 | √ | √ | √ | √ | √ |
| 6 | 13.11.24 | √ | √ | √ | √ | √ |
| 7 | 9.12.24 | √ | √ | | √ | √ |

## Statement of comprehensive income

| | Notes | Year ended 31 December 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | **459,005** | 421,636 |
| Other government income | 4 | **143,855** | 31,181 |
| General income | 5 | **9,815** | 23,402 |
| Income raised under Local Enforcement System | 6 | **2,258** | 1,491 |
| Investment income | 7 | **72** | 19 |
| | | **615,005** | 477,729 |
| **Expenditure** | | | |
| Staff salaries | 8 | **102,872** | 95,177 |
| Operations and maintenance | 9 | **149,551** | 156,227 |
| Administrative and other expenditure | 10 | **151,625** | 136,976 |
| Finance costs | | **63** | 172 |
| | | **404,111** | 388,552 |
| **Total Comprehensive Income for the year** | | **210,894** | 89,177 |

## Statement of financial position

| | Notes | As at 31 December 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-current assets** | | | |
| Intangible Assets | 11 | **243** | 570 |
| Property, plant and equipment | 12 | **557,786** | 260,933 |
| Right-of-use assets | 13 | **1,115** | 2,306 |
| **Total non-current assets** | | **559,144** | 263,809 |
| **Current assets** | | | |
| Trade and other receivables | 14 | **40,200** | 33,048 |
| Cash and cash equivalents | 15 | **828,285** | 991,664 |
| **Total current assets** | | **868,485** | 1,024,712 |
| **Total assets** | | **1,427,629** | 1,288,521 |
| **EQUITY AND LIABILITIES** | | | |
| **Equity** | | | |
| Surplus for the year | | **210,894** | 89,177 |
| Retained funds | | **1,084,055** | 994,088 |
| Total Equity | | **1,294,949** | 1,083,265 |
| **LIABILITIES** | | | |
| **Non-current liabilities** | | | |
| Deferred income | 16 | **6,284** | 109,345 |
| Lease liabilities | 13 | **-** | 2,426 |
| **Total non-current liabilities** | | **6,284** | 111,771 |
| **Current liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 17 | **87,025** | 92,333 |
| Lease liabilities | 13 | **1,232** | 1,152 |
| Deferred income | 16 | **38,139** | |
| **Total current liabilities** | | **126,396** | 93,485 |
| **Total reserves and liabilities** | | **1,427,629** | 1,288,521 |

## Statement of changes in equity

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| Balance at 1 January 2023 | 994,088 | 994,088 |
| Profit for the year – total comprehensive income | 89,177 | 89,177 |
| Balance at 31 December 2023 | 1,083,265 | 1,083,265 |
| **Balance at 1 January 2024** | **1,084,055** | **1,084,055** |
| **Profit for the year – total comprehensive** | **210,894** | **210,894** |
| **Balance at 31 December 2024** | **1,294,949** | **1,296,949** |

## Statement of cash flows

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| | | **Year ended 31 December** | |
| **Cash flows from operating activities** | | | |
| Cash generated from operations | 18 | **248,471** | 120,894 |
| Net cash generated from operating activities | | **248,471** | 120,894 |
| **Cash flows from investing activities** | | | |
| Purchase of intangible assets | | **-** | - |
| Purchase of property, plant and equipment | | **(410,594)** | (72,623) |
| Net cash used in investing activities | | **(410,594)** | (72,623) |
| **Financing activities** | | | |
| Interest received | | **-** | 19 |
| Payment of lease liabilities | | **(1,256)** | - |
| Grants received | | - | 38,269 |
| Interest paid | | - | (104) |
| Net cash generated from financing activities | | **(1,256)** | 38,184 |
| **Net movement in cash and cash equivalents** | | **(163,379)** | 86,455 |
| **Cash and cash equivalents at beginning of year** | 15 | **991,664** | 905,209 |
| **Cash and cash equivalents at end of year** | 15 | **828,285** | 991,664 |